**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**vs**
**Tony Armando Zahra**

**Illum 14 ta' Settembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Tony Armando Zahra, imwieled fil-21 ta' Lulju, 1975, gewwa Londra, ta' 39 sena, iben Alfred u Elizabeth nee' Craig, residenti Seaview flats, door 11A, Qawra Road, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 72688M.

Akkuzat talli fit-12 ta' Frar, 2017 ghal habta tal-hdax ta' fil-ghodu gewwa dawn il-Gzejjer fil-binja u t-toroq ta' l-isptar San Luqa, tal-Pieta':

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qeghdin jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti (PC 27 Alan Jiseph Zahra u PC 101 Ruznai Gaffarena);

2. Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 27 Alan Joseph Zahra, inkargat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 27 Alan Joseph Zahra hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Yanica Vella no 3505 mic-Centru tas-Sahha ta' Floriana;

4. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil PC 27 Alan Joseph Zahra, b'gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghalih.

5. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew il-bon ordni b'ghajjat u /jew glied;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mna obdiet l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

7. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkosanzi gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez b'periklu li jahbat ma xi hadd u jwegghhu;

8. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' mobile phone ta' ditta Samsung S5, liema hsara tammona ghal aktar minn €250 izda anqas minn €2500 ghad-dannu ta' PC 27 Alan Joseph Zahra;

9. Aktar talli fl-istess cirkostanzi naqas milli jhares diversi kundizzjoijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet t'a nhar il-21 ta' Marzu, 2014 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D., li bih inghata l-helsien mill-arrest, u kif emendat sussegwentement.

Ghaldaqstant il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-gdid.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somma ta' €1000 bhala depozitu u somma ta' €4000 bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', kopja ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli datata 27 ta' Jannar, 2016 markat bhala Dok JB1; fedina penali markata bhala Dok JB2, fotokopja tal-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest markata bhala Dok JB3; certifikat mediku datat 12 ta' Frar, 2017 rilaxxjat lil Alan Zahra markat bhala Dok JB4, estratt mill-att tat-twelid ta' Tony Armando Zahra markat bhala Dok JB5, fotokopja tad-dokument biex persuna tinzamm il-habs markat bhala Dok JB6; sett ta' ritratti mmarkati bhala Dok AF1.

Semghet lix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni cioe' lill-Ispettur Joseph Busuttil, WPS 33 Bernardette Valletta, PC 27 Alan Zahra, PC 101 Ruznai Gaffarena, Tracy Borg, Joseph Vella, PS 1147 Antoine Fenech, Dr. Yanica Vella, Godwin Attard, Joseph Spiteri.

Semghet lill-imputat Tony Armando Zahra jixhed b'mod volontarju fil-prezenza ta' l-Avukat difensur tieghu.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:-**

L-Ispettur Joseph Busuttil xehed illi l-imputat Tony Armando Zahra kien qieghed il-Facilita' Korrettiva ta' Kordina jiskonta sentenza talli hebb ghal zewg pulizija stazzjonati l-Vice Squad. L-imputat kien wehel sentenza ta' sena prigunerija u multa u avolja

appella minn din is-sentenza, l-imputat qatt ma attenda l-appell tieghu u ghalhekk l-ewwel sentenza giet konfermata. L-Ispettur Busuttil bghat lil pulizija biex jigbru lill-imputat mid-Detox sabiex jakkumpanjawh il-habs, u hawnhekk l-imputat harab jigri. Inoltre, l-Ispettur Busuttil xehed illi l-imputat kien kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien li kellu billi kien ilu ma jiffirma l-bail book ghal zmien twil u ma kienx qed jattendi l-Qorti quddiem Qorti diversament presjeduta.

WPS 33 Bernardette Valletta xehdet illi fit-12 ta' Frar, 2017, hi flimkien ma PC 27 u PC 101 marru d-Detox tal-Pieta' stante li kellhom informazzjoni li l-imputat kellu jmur hemmhekk ghal methadone u sabiex eventwalment jarrestawh. Ghal habta tal-hdax u hamsa ta' fil-ghodu (11:05 a.m) l-imputat flimkien mat-tfajla tieghu Tracy Borg dahlu gewwa d-Detox. Peress li Tracy Borg gharfet lill-pulizija, infurmat lill-imputat bil-prezenza tal-pulizija u ghaldaqstant WPS 33 Bernardette Valletta tat struzzjonijiet lil PC 27 biex imur fuq in-naha ta' wara tad-Detox ghal li jista' jkun l-imputat jipprova jahrab. Fil-fatt PC 27 cempel lil PC 101 ghall-assistenza. PC 27 u PC 101 flimkien ma Tony Armando Zahra, marru lura lejn il-vettura izda PC 27 kellu xi demm fuqu. Kien hemm taqliba bejn l-imputat u PC 27 u biex jilqa' daqqa minn irhama li kien qabad l-imputat, inkisirlu l-mowbajl. Kif l-imputat iddahhal fil-vettura tal-pulizija, hareg ragel ihhabbat fuq it-tieqa u qal lill-imputat li mhux se jerga' jaghmillu hekk. Dan ir-ragel inzerta kien impjegat tad-Detox certu Joseph Vella, fejn dan informa lill-WPS 33 Bernardette Valletta li l-imputat kien talbu juza t-toilet u kien minn hemmhekk li kellu access ghal bieb ta' wara. PC 27 ittiehed il-Floriana Health Centre fejn gie ccertifikat li kellu slight injuries save complications.

PC 27 Alan Zahra xehed illi hu flimkien ma WPS 33 u PC 101 marru d-Detox Centre fejn ghal habta tal-hdax raw lill-imputat diehel flimkien mat-tfajla tieghu Tracy Borg. Tracy Borg lemhet lill-pulizija u regghet dahlet gewwa tinforma lill-imputat u kien ghalhekk li PS 33 tat struzzjonijiet lil PC 27 sabiex imur fuq wara fejn kien hemm bieb iehor u fejn lemah lill-imputat u lit-tfajla tieghu niezlin it-tarag. PC 27 identifika ruhu u nforma lill-imputat li kien arrestat, u kien f'dan il-hin li l-imputat harab jigri. Wara ftit, l-imputat ghajja u beda' jaqta' nifsu u PC 27 pprova jikkalmah u jcempel ghall-assistenza peress li kien wahdu u hawnhekk Tony Armando Zahra qabad irhama u pprova jhebb ghal PC 27.

Fil-fatt, biex jiddefendi ruhu, lill-PC 27 inkisirlu l-mowbajl. PC 27 xehed li hareg Joseph Vella u mat-tieqa tal-karozza tal-pulizija qal lill-imputat li ma jergax jaghmillu hekk.

PC 101 Ruznai Gaffarena ikkonferma l-verzjonijiet ta' PC 27 u WPS 33 Bernardette Valletta u kompla jghid li meta PC 27 cempillu ghall-assistenza, huwa sema' hafna ghajjat u kommossjoni kbira u meta mar biex ifittex lil PC 27 u lill-imputat rahom jitqalbu mal-art. Ikkonferma wkoll li meta hadu lill-imputat fil-vettura tal-pulizija, Joseph Vella hareg fejn it-tieqa tal-vettura u qal lill-imputat li ma jergax jaghmillu hekk.

It-tfajla tal-imputat Tracy Borg xehdet li qabel ma dahlet fl-awla sabiex taghti x-xhieda taghha u rat lil WPS 33 Bernardette Valletta, PC 27 Alan Zahra u PC 101 Ruznai Gaffarena, hija gharfithom bhala pulizija tal-Vice Squad. Hija tghid li hi u l-imputat marru d-Detox ghal mistura taghhom u l-imputat talab lil min jahdem gewwa d-Detox jiftahlu l-bieb ghax kellu bzonn juza t-toilet. Hija tghid li hi baqghet fejn l-office u ma ratx lill-imputat diehel got-toilet. Tracy Borg xehdet illi la tidhol ghal kurrutur ta' fejn hemm it-toilet, ma tistax terga' tohrog mill-bieb ta' quddiem izda trid tghaddi mill-bieb ta' wara. Hija tkompli tghid li peress li ma kellhiex bzonn tuza t-toilet kienet stenniet lill-imputat fejn il-bieb ta' quddiem izda tinnega li rat lill-pulizija u li ghalhekk regghet dahlet biex twissi lill-imputat. Tracy Borg tghid li rat lill-pulizija jaghti gambetta lill-Tony Armando Zahra u li meta gie wiccu l'isfel, qabez fuqu l-Pulizija, izda peress li ma rieditx tidhol fl-istorja, iddecidiet li tallarga.

Joseph Vella huwa nurse gewwa d-Detox u jghid li l-kamra fejn ikun hu jqassam il-methadone, jinfed ghal barra go St. Luke's. Dak inhar tal-incident, l-imputat mar fejn il-perspex u talab li jkellem lil Joseph Vella u dan fetah il-bieb u kien f'dan il-mument li Tony Armando Zahra baqa' diehel u harab jigri. Joseph Vella jghid li ra lill-imputat jipprova jidhol lejn it-toilet izda ma dahalx.

PS 1147 Antoine Fenech huwa Scene of Crime Officer li ntalab sabiex jaccedi fuq il-post sabiex jigbor xi CCTV footage mid-Detox izda peress li s-sistema ta' CCTV kienet difettuza, ma setax jigbor footage. Jghid ukoll li gibed sett ta' ritratti fejn juri li s-sistema verament ma tahdimx.

Dr. Yanica Vella xehdet li hija harget ic-certifikat rilaxxjat lill-PC 27 fejn ikklassifikat il-griehi tieghu bhala hfief. Hija tghid li l-kuntisabbli kellu xi griehi fuq nasu, irkopptu u xi whud mis-swaba.

Godwin Attard xehed li huwa Principal Security Officer gewwa St. Luke's u kkonferma li CCTV cameras m'humiex jiffunzjonaw.

Joseph Spiteri xehed li huwa security officer gewa St. Luke's u waqt li kien qieghed barra l-grounds ghall-osservazzjoni, ra tnejn minn nies jigru wara xulxin u waqfu quddiemu. Ra lil persuna jaqbad xi haga minn mal-art u din il-persuna gharafha fl-awla bhala l-imputat. Ikompli jghid li kif ra hekk, mar jghajjat ghall-assistenza tal-pulizija li jkunu fissi mal-isptar St. Luke's. Wara li l-imputat gie arrestat, Joseph Spiteri mar jigbor l-oggett li ra lill-imputat jibgor minn mal-art, li kienet bicca rhama.

L-imputat Tony Zahra jghid illi fit-12 ta' Frar, 2017 mar flimkien mal-partner tieghu Tracy gewwa d-Detox Centre gewwa l-Isptar St. Luke's sabiex jiehdu l-methadone. Ikompli jghid li sakemm kien hemm kellu bzonn juza t-toilet u talab lin-nurse sabiex jiftahlu l-bieb sabiex jghaddi u jmur it-toilet. In-nurse talbu biex la jlesti, jghaddi minn wara biex johrog stante li ma setax johrog mill-bieb ta' quddiem. Sakemm Tony Zahra kien niezel mit-tarag, ra ragel iehor gej ghalih, jahbat go fih bi spalltu u jghidlu biex imur mieghu. Peress li l-imputat ma kienx jaf min hu dan ir-ragel, talbu sabiex ihallih bi kwietu u haffef il-pass biex jiskansah. Izid jghid li fl-ebda hin ma din il-persuna ddentifikat ruhha bhala pulizija. Wara xi tmien minuti, giet persuna ohra li nfurmat lill-imputat li kemm hu kif ukoll ir-ragel l-iehor kienu pulizija u hareg identification card. F'dak il-mument, Tony Armando Zahra accetta li jimxi sa l-ghassa ta' fejn id-Detox maghhom. Izid jghid li fl-ebda hin ma qabad ebda rhama sabiex jhebb biha lill-Pulizija. Huwa jghid ukoll li kif hareg sa fejn il-gate tad-Detox gharraf surgenta u li ghandu ordni ta' protezzjoni fil-konfront taghha u li din l-istess surgenta ghamlet ghal pulizija peress li ma missux mar wahdu. L-imputat ikompli jghid li l-Ispettur Joseph Busuttil rrifjuta li jaghmillu statement. Wara li gie moqri x-xhieda tan-nurse Joseph Vella mill-Ispettur Joseph Busuttil, u wara li gie mistoqsi jekk hux ix-xhieda tal-istess nurse hijiex veritiera, l-imputat beda jghid li fix-xhieda tieghu s-sur Vella jghid li Tony Armando Zahra mar ifittex toilet izda fl-ebda hin ma jghid li rah diehel got-toilet. L-imputat jikkonferma li

kellu sentenza u appella minnha izda ghall-appell nesa' jitla' u ghalhekk il-Pulizija kienu marru ghalih sabiex jarrestawh u jeskortawh gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**L-Artikolu 96 u l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jghid illi: *"96. Kull min jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti, jehel meta jinstab hati…"*

Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Law jghid illi: *"This crime in its simple form consists in an attack or resistance by violence or active force [vie di fatto], not amounting to public violence, against a person lawfully charged with a public duty, while acting in execution of the law or of a lawful order of the competent authority."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lawrence Attard** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Settembru 1996 intqal li:

*"Biex jissusisti dan r-reat, irid ikun, hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni, ossia resistenza, kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku [f'dan il-kaz pulizija], izda wkoll, li dan l-attakk jew resistenza, issir bi vjolenza jew b'hebb, u jsir, filwaqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun gia arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qed jezegwixxi l-ligi."*

Illi dan l-artikolu tal-ligi tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fis-26 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Bo**rg, fejn intqal li: *"… ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali gie ezaminat, ghal dak li jirrigwarda l-elementi rikjesti ghall-kostituzzjoni tieghu, f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti Kriminali meta din ta' l-ahhar kienet tisma' appelli mid-decizzjonijiet tal-Qrati Inferjuri. Fost dawn is-sentenzi wiehed jista' jsemmi s-segwenti: Il-Pulizija v. Gunner Antonio Cordina R.M.A. et., 23/8/41, Kollezz. Deciz. XXXI.iv.415; Il-Pulizija v. Anthony Attard et., 1/7/46, XXXII.iv.1011; The*

*Police v. Alfred W. Luck et., 25/4/49, XXXIII.iv.870; The Police v. Leslie Hewitt, 30/6/49, XXXIII.iv.917; Il-Pulizija v. Carmel Abela, 14/11/49, XXXIII.iv.973; Il-Pulizija v. Joseph Formosa, 25/3/50, XXXIV.iv.959; Il-Pulizija v. Pawlu Bartolo, 31/5/50, XXXIV.iv.978; Il-Pulizija v. Victor Galea et., App. Krim. 20/6/85; Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed, App. Krim. 3/11/95; Il-Pulizija v. Lawrence Attard, App. Krim. 12/9/96; u Il-Pulizija v. Mario Cuschieri, App. Krim. 17/10/97."*

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmel Vella** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 6 ta' Lulju 2006, il-Qorti qalet hekk, *"Mill-gurisprudenza taghna kif ukoll mid-dottrina, din il-Qorti tikkonkludi li biex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali irid ikun hemm, fost affarijiet ohra u bhala minimu, xi forma ta' forza illegittima diretta lejn, jew ezercitata fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza illegittima tigi ezercitata irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita', li jikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata, u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara; hekk, per ezempju, jkun il-kaz ta' min semplicement jimbotta b'mod goff jew ostili lill-ufficjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah, jew ta' min jibda jithabat meta jkun f'idejn l-ufficjal pubbliku propju biex jehles minn idejh. Kif diga inghad, biex ikun hemm dan ir-reat l-agent irid ikun mhux biss attakka "il fatto di prendere l'offensiva" jew irresista "il fatto di prendere la difensiva" lill-ufficjal pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb "vie di fatto". Mhux bizzejjed, ghalhekk, attakk bil-kliem, anke jekk dak il-kliem ikun iebes, ingurjuz jew minatorju (tali kliem jista', naturalment, jammonta ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9). Anqas ma hi bizzejjed, ghall-finijiet tal-Artikolu 96 imsemmi, is-semplici resistenza passiva (ez. li wiehed ma jiftahx il-bieb, jew li jintelaq ma' l-art), jew l-uzu ta' forza jew vjolenza applikata fuq, jew fil-konfront ta', oggett b'mod pero' li dik il-forza ma tkunx tista', direttament jew indirettament, tikkaguna xi hsara lill-ufficjal pubbliku (ez. wiehed jaghti bil-ponn fuq vettura biex ibezza' lill-ufficjal pubbliku, ghalkemm f'dan il-kaz jista' jikkonfigura reat iehor). Differenti hu l-kaz ta' min, biex jirresisti l-arrest, iwaddab xi oggetti fil-konfront tal-ufficjal pubbliku, ghax f'dak il-kaz, ghalkemm ma jkunx hemm kuntatt fiziku bejn l-agent u l-ufficjal*

*pubbliku, ikun hemm forza illegittima li tkun qed tigi diretta lejn il-persuna u permezz ta' att li ghandu l-potenzjalita' li jikkaguna hsara lill-persuna."*

Il-Qorti f'dan il-kaz ghandha x-xhieda tal-Pulizija li kien prezenti fuq il-post, il-haddiema tad-Detox, it-tfajla ta' l-imputat u l-imputat stess, u hija fuq ix-xhieda ta' dawn li hija trid tasal ghall-konkluzjoni jekk l-imputat ikkommettiex l-allegati reati jew le, u dan ghaliex is-sistema tas-CCTV li kellhom dak iz-zmien ta' l-incident id-Detox, kienu ghal kollox bil-hsara.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xhieda kollha li ngiebu quddiemha. Dak illi jghid l-imputat ma jaqbel assolutament xejn ma dak li qalu WPS33, PC27, PC101, Joseph Vella u Joseph Spiteri, anzi jghid l-oppost li effettivament kien il-Pulizija li ghamel ghalih, hebb ghalih u zammu ma' l-art. F'dan il-kaz il-Qorti ma tistax taghti piz lill-verzjoni tat-tfajla ta' l-imputat Tracy Borg u ta' l-imputat, u dan peress li minn ezami akkurat tal-fedina penali twila u voluminuza li ghandu l-imputat jidher li din mhux l-ewwel darba li kellu xi jghid mal-Pulizija Ezekuttiva u mhux l-ewwel darba li prova jirrezisti jew jindahal waqt il-qadi ta' xogholhom.

Ghalhekk il-Qorti temmen bi shih lil WPS33, PC27 u PC101 meta qalu li l-imputat hebb u irrezista l-arrest u minhabba f'hekk wegga' lil PC27. Iktar minn hekk ix-xhieda ta' Joseph Vella u Joseph Spiteri zgur li ma kellhom l-ebda interess li jitilghu jixhdu kif xehdu, iktar taghti piz li x-xhieda tal-pulizija hija wahda ghal kollox veritjiera. Illi jirrizulta li l-imputat effettivament hebb ghall-PC27 tant li meta l-istess Pulizija prova jmur jarresta lill-imputat dawn it-tnejn spiccaw ma' l-art u fid-daqqa u il-hin harablu, gabar irhama mill-art u prova jhebb ghalih, haga li giet ikkonfermata mix-xhieda l-ohra li kollha qalu li prova jahrab lill-pulizija u Joseph Spiteri ikkonferma li ra irhama f'idejn l-imputat li wara mar jigborha. Madanakollu ma jirrizulax pero' l-imputat b'xi mod ingurja jew hedded lil xi Pulizija fuq il-post u ghalhekk ma tistax tinsab htija fuq it-tieni imputazzjoni .

Illi l-Qorti hija konvinta wkoll minghajr dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq PC 27 kif kontemplat fl-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba li huwa apparti li prova jhebb ghall-Pulizija

permezz ta' irhama, irrezista l-arrest b'tali mod li t-tnejn spiccaw ma' l-art, li kieku l-imputat obda, dan ma kienx isehh u l-Pulizija ma kien isofri l-ebda griehi.

Ma hemm l-ebda dubju wkoll li l-imputat kiser il-paci pubblika u li m'obdiex l-ordnijiet leggitimi ta' l-awtoritajiet. Ma hemm l-ebda dubju wkoll li l-imputat harab jigri bil-qawwi f'post pubbliku meta prova jahrab minn idejn PC27.

Rigward, it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni din il-Qorti ma tistax issib htija fuqhom u dan peress li ma ttellghu l-ebda tip ta' prova fir-rigward, salv ix-xhieda ta' PC27 ghat-tmien (8) imputazzjoni izda ma saret l-ebda prova fuq il-valur ta' l-oggett allegatament miksur u rigward id-disa' (9) imputazzjoni kull ma gew ipprezentati huma l-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest li l-imputat ghandu fuq kaz iehor pendenti.

Illi ghar-rigward l-addebitu tar-recediva giet ezebita vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar 2016, u wara li l-Qorti ezaminat din is-sentenza tara li dan l-addebitu gie ippruvat fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija moralment konvinta minn dan kollu ghaliex jidher bic-car anke minn kazijiet passati ta' l-imputat li huwa aggressiv u dejjem jipprova jfixkilhom fid-doveri taghhom, u fuq hekk deher hafna drabi quddiem il-Qorti kif ga ssemma qabel jirrizulta mill-fedina penali voluminuza tieghu u baqa' minkejja l-opportunitajiet moghtija lilu ma tghallem xejn. Ghalhekk in kwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li taghhom l-imputat qieghed jinstab hati, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali voluminuza ta' l-imputat, u kif qed jigi innutat li din mhux l-ewwel darba li l-imputat qed jinstab hati ta' reati simili. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-piena idonea hija wahda ta' prigunerija effettiva u mhux fil-minimu taghha, ghaliex l-imputat huwa ta' theddida ghas-socjeta', u se jibqa' tali ghaliex qatt ma hass il-bzonn li jirriforma ruhhu u ghalhekk ma jixraqlux li jinghata piena inqas harxa.

**Decide:-**

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2), it-tmien (8) u disa' (9) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221(1),

339(1)(b), 338(DD), 338(ee), 338(cc), 325(1)(b), 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra b'dan li kwantu ghall-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qieghed jinstab hati li ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' PC 27 biss u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija u ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

L-imputat mhux qieghed jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva inkwantu ghall-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda biss inkwantu ghall-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-parte leza, qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali a favur PC 27 Alan Zahra taht penali ta' elf Ewro (€1000) ghal zmien sena.

**(ft) Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

Vera kopja

**Deputat Registratur**